MALTA

# QORTI KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-21 ta' Ottubru, 2003

Numru 21/2000

**Ir-Repubblika ta' Malta**
**Vs**
**Ibrahim Elhamshi Elghaoud**
**u**
**Ali Aibrahim Algaoud**

**Il-Qorti,**

Rat l-Att ta' l-Akkuza numru 21 tas-sena 2000, kontra l-akkuzati Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud, li bih huma gew akkuzati talli :

1) Wara li l-Avukat Generali ppremetta fl-Ewwel Kap illi fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar, tas-sena elf disa mija w tmienja w disghin (1998), ghall-habta tal-erba w kwart, waslu Malta Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud fuq titjira tal-Air Malta bin-numru KM781 provenjenti minn Casablanca, il-Marokk. Wara tfittxija li saret fuq il-bagalji taghhom mill-membri tat-taqsima ta' kontra d-droga tad-Dwana f'wahda mill-bagalji nstab li

xjentement kellhom u kienu qed igorru kwantita' konsiderevoli ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis.
Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahrug taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.
Illi b'eghmilhom l-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud saru hatja talli mportaw, gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.
Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud, hatja talli mportaw, gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett.
Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 7, 8(a), 22(1)(a)(1B)(2)(a)(i)(3A)(d) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati

2) u wara li fit-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi dejjem wara li l-akkuzati waslu Malta fil-hamsa w ghoxrin (25) ta' Frar, tas-sena elf

disa’ mija w tmienja w disghin (1998), filwaqt li kienet qeghda ssir tfittxija fl-effetti li kienu qed igorru, nstab li kienu fil-pussess xjenti ta’ kwantita’ kbira ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis. Gewwa bagalja ta’ kulur kannella car instabu diversi blokki tar-raza tal-cannabis, li fil-fatt kienu f’ammont nett totali ta’ 2506.2 grammi liema kwantita’ ferm kbira ta’ raza mehuda mill-pjanta cannabis kienet intiza sabiex tigi mghoddija lil haddiehor f’Malta w barra minn Malta, bi skop ta’ qliegh.
Ir-raza mehuda mill-pjanta cannabis hija medicina perikoluza kkontrollata bil-ligi taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, w ma kien hemm ebda licenzja jew awtorizzazzjoni mahruga taht l-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi li tawtorizza l-importazzjoni tad-droga perikoluza msemmija.
Illi b’eghmilhom l-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud saru hatja talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis li ghaliha tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess t’awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort’ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b’xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta’ Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b’xi awtorita’ moghtija mill-President ta’ Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma kienitx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b’dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud, hatja talli kellhom fil-pussess taghhom id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-

pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma kienitx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom.

Ghalhekk l-Avukat Generali talab li jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi jigu kkundannati ghal piena ta' prigunerija ghal ghomorhom u multa ta' mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta' kull flejjes jew propjeta' mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-artikoli 8(a)(b), 10(1), 12, 14(1)(5), 20, 22(1)(a)(2)(a)(i)(ii), 22(2)(b)(i) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u fl-artikoli 23, 20, 17(b) u 533 tal-Kodici Kriminali, jew ghal kull piena ohra li tista' skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzati.

3) u wara li fit-Tielet Kap tal-Att ta' l-Akkuza, l-Avukat Generali ppremetta illi ghall-habta ta' Frar, tal-elf disa mija tmienja w disghin (1998) u xi zmien qabel l-akkuzati ftehmu ma haddiehor sabiex tiddahhal f'Malta d-droga raza tal-cannabis u tigi migjuba w traffikata f'dawn il-Gzejjer.

Illi fil-hamsa w ghoxrin tal-istess xahar huma mportaw aktar minn zewg kilos ta' raza tal-cannabis f'Malta w dan fuq pjan miftiehem minn qabel ma persuni ohra fosthom certu Tunsi li xi jumejn qabel kien ukoll inqbad jimporta d-droga Malta. Fil-fatt l-akkuzati flimkien ma dan Tunsi hallsu cash ghal biljetti li kienu xtraw flimkien fi Tripli fil-

bidu ta’ Frar tal-istess sena w li kellhom l-istess PNR u cioe’ l-file tal-passiggier. Illi l-pjan miftiehem taghhom kien li jixtru d-droga mill-Marokk biex idahhluha Malta. Fil-fatt hekk gara, fil-25 ta’ Frar, 1998. Illi din l-assocjazzjoni sfrattat billi l-Pulizija qabduhom u b’hekk gie evitat li l-akkuzati flimkien ma haddiehor kienu idahhlu, ibieghu w imexxu d-droga, minnhom akkwistata, bi prezz ferm gholi w qliegh kbir ghalihom u t-traffikanti f’Malta.

Illi b’eghmilhom, l-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elgaoud u Ali Aibrahim Algaoud saru hatja talli assocjaw ruhom ma’ persuni ohra f’Malta w ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwixxu, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghaldaqstant, l-Avukat Generali fl-isem fuq imsemmi akkuza lill-imsemmija Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud hatja talli assocjaw ruhom ma’ persuni ohra f’Malta w ma’ persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f’Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni.

Ghalhekk l-Avukat Generali talab illi jinghamel skond il-ligi kontra l-imsemmija akkuzati w illi jigu kkundannati ghal piena ta’ prigunerija ghal ghomorhom u multa ta’ mhux inqas minn elf lira Maltija (LM1000) izda mhux izjed minn hamsin elf lira Maltija (LM50,000) u l-konfiska favur il-Gvern tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ kull flejjes jew propjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-persuna hekk misjuba hatja, skond dak li hemm u jintqal fl-Artikoli 9,10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(3A)(c)(d), 22(f) u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u fl-Artikoli 23 u 533 tal-Kodici Kriminali jew ghal kull piena ohra li tista’ skond il-ligi tinghata ghall-htija tal-imsemmija akkuzat.

Rat l-atti kollha proceswali, inkluzi l-atti tal-kumpilazzjoni;

Rat il-verbal li bih l-akkuzati permezz ta' Dr. Leon Bencini ezentaw lill-Qorti mill-qari tal-Att tal-Akkuza;

Rat illi waqt is-seduta tal-bierah, 20 t'Ottubru, 2003, l-akkuzati mistoqsijin jekk humiex hatja skond l-Att tal-Akkuza , wiegbu billi stqarrew li huma kienu hatja tar-reati hemm dedotti kontra taghhom;

Rat illi wara li l-Qorti wissiet lill-akkuzati b'mod l-aktar solenni fuq il-konsegwenzi legali ta' din it-twegiba w tatom ftit taz-zmien biex jergghu lura minnha, kif obbligata li taghmel skond l-artikolu 453 (1) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta , l-akkuzati  baqghu jtennu t-twegiba li huma kienu hatja ;

Tiddikjara ghalhekk lil Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud hatja talli fil-25 ta' Frar, 1998, importaw, gieghlu li tigi mportata jew ghamlu xi haga sabiex tista' tigi mportata medicina perikoluza (raza mehuda mill-pjanta cannabis) f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kap. 101) u cioe' meta ma kellhomx licenzja jew awtorizazzjoni mahruga taht l-imsemmija Ordinanza li tawtorizza l-importazzjoni ta' dak l-oggett,  u dana skond l-Ewwel Kap tal-Att tal-Akkuza.

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud hatja  talli fil-25 ta' Frar, 1998 kellhom fil-pussess taghhom id-droga raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, li ghalihom tapplika t-Taqsima III tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi, 1939 (Kap. 101) meta ma kienux fil-pussess t'awtorizzazzjoni ghall-esportazzjoni jew importazzjoni mahruga mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tat-Taqsima VI tal-Ordinanza dwar Medicini Perikoluzi 1939 (Kap. 101) u meta ma kienux bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzati li jimmanifatturaw jew ifornu d-droga msemmija w ma kienux b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta w ma kienux awtorizzati bir-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) jew b'xi awtorita' moghtija mill-President ta' Malta li jkollhom dik id-

droga fil-pussess taghhom u dik id-droga ma kienitx fornita lilhom ghall-uzu taghhom skond ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija b'dan, li r-reat kien wiehed taht tali cirkustanzi li juru li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv taghhom, w dana skond it-Tieni Kap tal-Att ta' l-Akkuza;

Kif ukoll tiddikjara lill-istess Ibrahim Elhamshi Elghaoud u Ali Aibrahim Algaoud hatja talli ghall-habta ta' Frar, 1998 u xi zmien qabel assocjaw ruhom ma' persuni ohra f'Malta w ma' persuni ohra barra minn Malta sabiex jimportaw, ibieghu jew jitraffikaw medicina w droga ohra f'Malta bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, jew ippromovew, ikkostitwew, organizzaw jew iffinanzjaw din l-assocjazzjoni, u dana skond it-Tielet Kap tal-Att tal-Akkuza;

Semghet it-trattazzjoni tal-abbli difensur u tal-abbli prosekutur dwar il-piena ;

Qieset li ghalkemm il-piena ghar-reati in dizamina hija dik ta' ghomor il-habs, skond l-artikolu 492 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta, meta f'xi stadju qabel jigi ffurmat il-guri l-akkuzat jammetti l-htija tieghu, l-Qorti tista', minflok il-piena msemmija, taghti l-piena ta' prigunerija ghal zmien minn tmintax-il sena sa' tletin sena;

Qieset ukoll li skond il-proviso tal-artikolu 22 (2) (a)(i)(aa), tal-Kap. 101 meta l-Qorti tkun tal-fehma li, meta tqis l-eta' tal-hati, l-kondotta ta' qabel tal-hati, l-kwantita' tal-medicina w x-xorta w l-kwantita' tat-taghmir jew materjal, jekk ikun il-kaz, involuti fir-reat u c-cirkostanzi l-ohra kollha tar-reat, il-piena ta' prigunerija ghall-ghomor ma tkunx dik xierqa, f'kazijiet bhal dawn il-Qorti tista' tikkundanna lill-persuna misjuba hatja ghall-prigunerija ghal zmien ta' mhux inqas minn erba snin izda mhux izjed minn tletin sena w multa ta' mhux inqas minn elf lira izda mhux izjed minn hamsin elf lira ;

Qieset favur il-hatja, l-fatt li huma rregistraw ammissjoni qabel ma giet iffurmata l-gurija, ghalkemm ma jistax jintqal li dan sar fi stadju bikri tal-process ghaliex il-hatja ghall-

bidu ghamlu eccezzjonijiet preliminari li fil-maggior parti taghhom gew respinti w wara sahansitra appellaw bla success mis-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta w b'hekk il-process twal ghal numru ta' snin inutilment.

Qieset il-gurisprudenza ta' dawn il-Qrati w Qrati esteri dwar tnaqqis fil-piena meta l-hati jammetti l-htijiet tieghu fi stadju kmieni tal-process u b'hekk jiffranka hafna xoghol u spejjez inutili ghall-amministrazzjoni tal-gustizzja; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi", Qorti Kriminali , [24.2.1997] ; "Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa", Qorti tal-Appell Kriminali , [7.7.2002] u BLACKSTONE'S CRIMINAL PRACTICE , (Blackstone Press Limited – 2001 edit. ecc.).

Qieset ukoll favur il-hati Ibrahim Elhamshi Elghaoud wahdu il-kondotta incensurata tieghu – al menu f'dawn il-Gzejjer - kif ukoll iz-zmien li z-zewg hatja lahqu ghamlu taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn l-akkuzi ;

Qieset ukoll illi r-reati dedotti fl-Ewwel u fit-Tielet Kapi tal-Att tal-Akkuza servew bhala mezz ghall-fini biex seta' jigi kommess ir-reat dedott taht it-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza u ghalhekk ghall-fini tal-konkors tal-piena ghandha tapplika r-regola li hemm fl-artikolu 17 (h) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta; (Ara "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mansour Muftah Nagem" (31.10.2002) u "Ir-Repubblika ta' Malta vs Hasan Omar Ibrahim Farag" (15.05.2003) kif del resto anke qablu l-Prosekuzzjoni w d-Difiza b'verbal appozitu;

Mill-banda l-ohra qieset kontra l-akkuzati li huma ma kienux ta' eta' zghira w immatura w li huma kienu qeghedin jimportaw go Malta kwantita' sostanzjali ta' 1477.5 grammi (u mhux 2506.2 grammi) kif jissemma fil-parti espozittiva tat-Tieni Kap tal-Att tal-Akkuza (ara fol. 113 tal-process) tar-raza tal-pjanta cannabis u li din il-kwantita' hekk kbira ta' droga kienet ser taghmel hsara lis-socjeta' Maltija li ghaliha kien jidher car li kienet destinata, u dana b'abbuz tal-ospitalita' li l-gens Malti tahom bhala barranin li kienu qed izuru dawn il-Gzejjer;

Qieset ukoll li l-hati Ali Aibrahim Algaoud kien diga' kiser difrejh mal-ligi u kien gie sentenzjat mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-27 ta' Jannar, 1998, meta inqas minn xahar qabel ir-reati hawn ammessi, kien instab hati fuq ammissjoni, ta' pussess ta' raza mehuda mill-pjanta cannabis u liberat bil-kundizzjoni li ma jikkommetix reat iehor fi zmien 18 il-xahar;

Qieset ukoll is-sottomissjoni tad-difiza li f'dan il-kaz si trattava ta' raza tal-cannabis u mhux ta' Medicini Perikoluzi aktar qawwija w li f'pajjizi esteri il-pussess u reati ohra li jinvolvu cannabis jitqiesu inqas gravi – distinzjoni li pero' l-ligi Maltija ma taghmilx - kif ukoll dak li ssottometiet il-prosekuzzjoni li d-droga cannabis hafna drabi tkun l-ewwel introduzzjoni ghall-vizzju tad-droga;

Qieset finalment il-piena li nghatat minn din il-Qorti f'kazijiet analogi recentement biex ikun jista' jinzamm certu proporzjon u relativita' fil-piena ghal dak li jirrigwarda l-gravita' tar-reat in kwantu t-tip u kwalita', l-kwantita' u purita' tad-droga mportata, u meta jkun hemm ammissjoni bikrija, w dana bil-ghan li jkun hemm certa uniformita' f'sentenzi li jirrigwardaw din il-marterja;

Rat l-artikoli 7, 8(a)(b), 9, 10(1), 12, 14(1)(5), 15A, 20, 22(1)(a)(f)(1A)(1B)(2)(a)(i)(aa)(b)(d)(i)(ii)(3A)(c)(d), u 26 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap. 101, u r-Regola 8 tar-Regoli tal-1939 ghall-Kontroll Intern tal-Medicini Perikoluzi (G.N. 292/39) u l-Artikoli 17(h), 20, 23, 31, 453 (i) u 533 tal-Kap 9, l-artikolu 9 u 10 tal-Kap. 152 u l-artikoli 23(1)(b), 28 u 29 tal-Kap. 446;

Tikkundanna lill-hati Ibrahim Elhamshi Elghaoud ghall-piena ta' ghaxar (10) snin prigunerija, b'dana li minn dan il-periodu jrid jinqata' kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta' sbatax il-elf lira Maltin (LM 17,000) u jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi' tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas nofs

is-somma ta’ elf, mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta w sebghin centezmu (LM1251.73c), import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hatja a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ad eskluzjoni tal-ispejjez tar-relazzjoni a fol. 272 sa 288 tal-process li jidher li ma ghandhomx x’jaqsmu ma’ dan il-kaz, u jekk dawn ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f’terminu iehor ta’ prigunerija skond il-ligi;

Tikkundanna lill-hati Ali Aibrahim Algaoud li kien diga’ kiser difrejh mall-ligi dwar pussess ta’ raza tal-cannabis, ghall-piena ta tnax (12) il-sena prigunerija, b’dana li minn dan il-perjodu irid jinqata kull zmien li hu ghamel taht arrest preventiv in konnessjoni ma dawn ir-reati kif ukoll li jhallas multa ta’ dsatax il-elf lira Maltin (LM19,000) u, jekk din ma tithallasx minnufieh tigi awtomatikament konvertita fi tnax (12) il-xahar prigunerija ohra skond il-ligi, kif ukoll li jhallas nofs is-somma ta’ elf mitejn u wiehed u hamsin lira Maltin u tlieta w sebghin centezmu (LM 1251.73c) import tal-ispejjez tal-perizji nkorsi tul il-process tal-hati a tenur tal-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, ad eskluzjoni tal-ispejjez tar-relazzjoni a fol. 272 sa 288 tal-process li jidher li ma ghandhomx x’jaqsmu ma’ dan il-kaz, u jekk dawn ma jithallsux minnufieh jigu konvertiti f’terminu iehor ta’ prigunerija skond il-ligi;

Tordna ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta tal-oggetti kollha li dwarhom sar ir-reat u l-konfiska favur il-Gvern ta’ Malta ta’ kull flejjes jew proprjeta’ mobbli w immobbli ohra tal-hatja;

Tordna ukoll id-distruzzjoni tal-istess droga a kura tad-Deputat Registratur ta’ din il-Qorti bl-assistenza tal-Ispizjar Mario Mifsud, sakemm fi zmien hmistax il-jum mil-lum l-Avukat Generali b’Nota ma jinfurmax lil din il-Qorti li ghandu bzonn li din id-droga tigi prezervata ghal skop ta’ xi proceduri ohra kontra terzi w b’dan li l-istess Deputat Registratur ghandu jirraporta b’verbal lil din il-Qorti meta din id-droga tkun giet hekk distrutta;

U wara li rat ukoll l-artikoli 10(1)(b) tal-Kap. 152 li skond l-artikolu 28 tal-Kap. 446 tal-Ligijiet ta’ Malta ghandu jibqa’

japplika ghall-kull ordni jew liberazzjoni kondizzjonata mahruga taht id-disposizzjoniet tal-Att Dwar il-Probation ta' Hatjin qabel id-dhul fis-sehh tal-imsemmi artikolu 28, tibghat lill-hati Ali Aibrahim Algaoud quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali li minnha gie maghmul l-ordni ghall-liberazzjoni taht kondizzjoni fis-sentenza tas-27 ta' Jannar, 1998 biex tittratta mieghu skond il-ligi ghar-reat li ghalih dak l-ordni kien gie maghmul.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------